MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Numru. 63/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur  Victor Aquilina)**

**vs.**

**Jean Claude Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jean Claude Cassar ta' 34 sena iben Carmel u Victoria xebba Cilia, imwieled San Giljan nhar it-2 ta' Novembru 1974, u residenti Nru. 145 Flat 6, Spiridione Court, Triq Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta tal-Identita numru  528374(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Jannar 2009 u fix-xahar ta' qabel:

a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-

pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

d) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

e) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe kontra PS 1086 Johan Micallef u PC 599 Clive J. Mangion, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, u dan ai termini tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

f) ingurja jew hedded persuni ta’ uhud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe fuq PS 1086 Johan Micallef u PC 599 Clive J. Mangion u dan ai termini tal-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

g) Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS 1086 Johan Micallef waqt li kien qed jaqdi id-doveri tieghu jew ma halliex jew fixklu waqt il-qadi ta’ dmirijietu, u dan ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

h) U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht Ordni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt. Dr. S. Demicoli LL.D. datata 25 ta' April 2008, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

i) U fl-ahharnett, talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija minn Qrati diversi gewwa Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja, u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Wara li rat illi fis-seduta tat-22 ta' Dicembru 2010, il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi.

Wara li rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2011, l-imputat irregistra ammissjoni parzjali fis-sens segwenti: *"qed jammetti l-akkuza (a) b'dan illi l-akkuza (b) hija kompriza u involuta fl-akkuza (a), mhux qed jammetti l-akkuza (c) pero qed jammetti il-pussess semplici tal-eroina u qed jammetti l-akkuzi l-ohra dedotti, salv l-(h)."* Din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li rat il-verbal tal-istess seduta fejn Dottor Herrera ghall-imputat invita lil din il-Qorti tikkonsidra is-sentenzi

**Pulizija vs Mark Lombardi, Pulizija vs Alvin Privitera u Pulizija vs Esron Pullicino** u invita lill-Qorti tinjora l-istqarrija tal-imputat minhabba indoli kostituzzjonali.

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

## Htija

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva illi l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kienitx tippermetti assistenza legali qabel isir l-interrogatorju, u konsegwentement din l-istqarrija ma jista' jkollha l-ebda influwenza diretta jew indiretta fuq l-esitu ta' dawn il-proceduri kriminali ghaliex ttiehdet bi ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq tal-imputat, kif interpretat mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea.[1] Ghaldaqstant din l-istqarrija qed tigi skartata minn din il-Qorti.

Illi mill-provi migjuba – skartata l-istqarrija tal-imputat - u mill-ammissjoni parzjali tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tas-segwenti imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u cioe, l-imputazzjoni (a), (c) limitatament ghall-pussess semplici ta' eroina, (d), (e), (f), (g) u (i).

Ghar-rigward tal-aggravanti tal-imputazzjoni (c), din il-Qorti hija tal-opinjoni li mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax sal-grad tal-prova rikjest fi proceduri kriminali, li l-eroina li instabet fil-pussess tal-imputat ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu, stante li l-ammont ta' eroina li nstabet fil-pussess tal-imputat kien biss ta' 0.04 grammi.[2] Ghalhekk dina l-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati ta' pussess aggravat ta' eroina.

Rigward l-imputazzjoni (h), cioe ksur ta' Ordni ta' Probation imposta b'sentenza ta' dina l-Qorti, diversament

[1] Ara sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alvin Privitera** deciza fil-11 t'April 2011, **Il-Pulizija v. Esron Pullicino** deciza fit-12 t'April 2011 u **Il-Pulizija v. Mark Lombardi** deciza wkoll fit-12 t'April 2011.
[2] Ara Dok MM a fol. 96 tal-process – relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud.

preseduta, fil-25 ta' April 2008, jirrizulta li l-imputat diga gie punit ghal-dan il-ksur minn din il-Qorti, diversament preseduta, b'sentenza tat-18 ta' April 2011,[3] u ghalhekk, in vista tal-principju ne bis in edem, il-Qorti qed tastjeni milli tieghu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni. Fil-fatt fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2011, il-prosekuzzjoni ivverbalizzat li kienet qed taqbel li dina l-Qorti ma tiehux konjizzjoni tal-akkuza (h).

**Piena**

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti taqbel li l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar u bejgh tad-droga kokajina.

Fil-kaz odjern, l-ammissjoni tal-hati mhix wahda bikrija, stante li l-kawza inbdiet fit-28 ta' Jannar 2009, u l-ammissjoni saret fis-seduta tal-23 ta' Settembru 2011, wara li l-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li ghalqet il-provi taghha, u fil-fatt fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prosekuzzjoni kienet ippruvat il-kaz taghha il'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni fir-rigward tal-imputazzjonijiet li ghalihom l-imputat ammetta li hu hati. Huwa ovvju li meta l-imputat sab ruhu daru mal-hajt, ammetta biex forsi jiehu xi mitigazzjoni fil-piena. Pero l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u r-rizorsi tal-Pulizija, u ghalhekk m'ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fedina raffrettarja tal-imputat. Huwa nstab hati xejn inqas minn tletin darba minn dawn il-Qrati ta' kull tipi diversi ta' reati, u minkejja li inghata diversi ordnijiet ta' probation f'April tal-2008 jidher li ma tghallem xejn, ghaliex anki pendenti dawn il-proceduri, huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest billi harab minn Malta.

[3] Ara Dok JH1 – **Pulizija v. Jean Claude Cassar**, deciza minn din il-Qorti, diversament preseduta, fit-18 t'April 2011.

Ghall-fini tal-piena il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni id-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li l-hati ghandu jibbenifika minn mitigazzjoni fil-piena a tenur tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, stante li, skont l-ufficjal prosekutur, l-imputat ghen lill-pulizija f'kazi ohra u ittiehdu proceduri kontra terzi persuni.[4] Fin-nuqqas ta' dettalji ulterjuri fir-rigward, dina l-Qorti sejra tnaqqas il-piena ta' prigunerija bi grad wiehed u l-piena pekunjarja b'nofs.

Pero, fil-kaz odjern dan il-beneficcju huwa newtralizzat bil-fatt li l-hati ammetta wkoll ghall-imputazzjoni li huwa recidiv (imputazzjoni (i)). Fil-fatt huwa recidiv plurimu, u invista tal-fedina penali raffrettarja tieghu, il-Qorti tqis li huwa gust li l-piena ghandha tizdied bi grad. Konsegwentement dan l-aggravanti, li jekwivali ghal zieda fil-piena ta' grad, jinnewtralizza il-beneficcju li l-imputat ghandu jinghata ta' tnaqqas fil-piena ta' grad a tenur tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101.

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta' drogi bhala reat serjissimu. Huwa vera li l-hati ma nqabadx b'ammont kbir hafna ta' droga eroina (38.15 grammi)[5] pero skond l-imputazzjoni ammessa minnu, hu kien ilu jittraffika xahar.

Id-difiza u l-prosekuzzjoni dahlu f'xi tahditiet ghal patteggament dwar il-piena, u kienu qablu li jipproponu piena ta' hames snin prigunerija li kienet tinkludi l-imputazzjoni tal-ksur tal-Ordni tal-Probation. Peress li dina l-Qorti qed tastjeni li tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni, ghar-ragunijiet moghtija aktar il-fuq, id-difiza issa qed tissugerixxi piena ta' prigunerija ta' tlett snin u nofs.[6] Kif din il-Qorti irrelevat fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2011, ghalkemm hija tiehu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet li jsirulha mill-partijiet, quddiem din il-Qorti ma jistghux isiru pattaggamenti.[7] In oltre, din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-pieni suggeriti huma miti wisq.

---

[4] Ara dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur a fol. 175 u 176 tal-process.
[5] Ara Dok MM a fol. 96 tal-process – relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud.
[6] Ara trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2011 a fol.173 *et seq* tal-process.
[7] Ara fol. 163 tal-process u s-sentenza **Pulizija vs *Omissis*, Jason Spagnol** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2005.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(d), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 96(a), 95(1), 338(ee), 49 u 50 tal-Kapitolu 9, u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni (h), issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a), (b), (d), (e), (f) (g) u (i) migjuba kontra tieghu, u fil-kaz tal-imputazzjoni (c) issibu hati biss ta’ pussess semplici tad-droga eroina, u qed tilliberah mill-aggravanti li dan il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti tikkundanna l-hati ghal piena ta’ hames (5) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta’ tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ €925.68, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------